

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2021 – Marina Yachting Brand Management vs EUIPO – Industries Sportswear (MARINA YACHTING)**

(Kawża T-169/20) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedura ta’ revoka ta’ deċiżjonijiet jew ta’ kanċellazzjoni ta’ entrati – Kanċellazzjoni ta’ entrata fir-Reġistru vvizzjata bi żball manifest imputabbli lill-EUIPO – Trade mark inkluża fi proċedura ta’ insolvenza – Reġistrazzjoni tat-trasferiment tat-trade mark – Infurzabbiltà fil-konfront ta’ terzi ta’ proċedura ta’ falliment jew ta’ proċeduri analogi – Kompetenza tal-EUIPO – Obbligu ta’ diliġenza – Artikoli 20, 24, 27 u 103 tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Artikoli 3, 7 u 9 tar-Regolament (UE) 2015/848”)*

(2021/C 462/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Marina Yachting Brand Management Co. Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl, C. Eckhardt u P. Böhner, avkati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Capostagno, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Industries Sportswear Co. Srl (Venezia, l-Italja) (rappreżentant: P. Cervato, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Frar 2020 (Każijiet magħquda R 252/2019-2 u R 253/2019-2), dwar proċedimenti ta' kanċellazzjoni ta' entrati bejn Industries Sportswear u Marina Yachting Brand Management

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Marina Yachting Brand Management Co. Ltd hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Industries Sportswear Co. Srl.

<sup>(1)</sup> ĠU C 191, 8.6.2020.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2021 – Henry Cotton's Brand Management vs EUIPO – Industries Sportswear (Henry Cotton's)**

(Kawża T-173/20) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedura ta’ revoka ta’ deċiżjonijiet jew ta’ kanċellazzjoni ta’ entrati – Kanċellazzjoni ta’ entrata fir-Reġistru vvizzjata bi żball manifest imputabbli lill-EUIPO – Trade mark inkluża fi proċedura ta’ insolvenza – Reġistrazzjoni tat-trasferiment tat-trade mark – Infurzabbiltà fil-konfront ta’ terzi ta’ proċedura ta’ falliment jew ta’ proċeduri analogi – Kompetenza tal-EUIPO – Obbligu ta’ diliġenza – Artikoli 20, 24, 27 u 103 tar-Regolament (UE) 2017/1001 – Artikoli 3, 7 u 19 tar-Regolament (UE) 2015/848”)*

(2021/C 462/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Henry Cotton's Brand Management Co. Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl, C. Eckhardt u P. Böhner, avkati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: M. Capostagno, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Industries Sportswear Co. Srl (Venezia, l-Italja) (rappreżentant: P. Cervato, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Frar 2020 (Każijiet magħquda R 254/2019-2 u R 255/2019-2), dwar proċedimenti ta' kanċellazzjoni ta' entrati bejn Industries Sportswear u Henry Cotton's Brand Managemme.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Henry Cotton's Brand Management Co. Ltd hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Industries Sportswear Co. Srl.

<sup>(1)</sup> ĠU C 191, 8.6.2020.

---

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2021 – Sociedade da Água de Monchique vs EUIPO – Ventura Vendrell (chic ÁGUA ALCALINA 9,5 PH)

(Kawża T-195/20) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea chic água ALCALINA 9,5 PH – Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea CHIC BARCELONA – Raġunijiet relattivi għal rifjut – Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)*

(2021/C 462/47)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

### Partijiet

*Rikorrent:* Sociedade da Água de Monchique, SA (Caldas de Monchique, il-Portugall) (rappreżentant: M. Osório de Castro, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Folliard-Monguiral, I. Ribeiro da Cunha u J. Crespo Carrillo, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Pere Ventura Vendrell (Sant Sadurni d'Anoia, Spanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Jannar 2020 (Każ R 2524/2018-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn P. Ventura Vendrell u Sociedade da Água de Monchique.

### Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-20 ta' Jannar 2020 (Każ R 2524/2018-4) hija annullata.
- 2) L-EUIPO huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 201, 15.6.2020.